

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 —
X vs Inspecteur van de Belastingdienst/Y u
X BV vs Inspecteur van de Belastingdienst P**

(Kawżi magħquda C-319/10 u C-320/10)

“Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Klassifikazzjoni tariffarja — Laħam tat-tiġieġ iddisussat, iffriżat u mmellaħ — Validità u interpretazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 535/94, Nru 1832/2002, Nru 1871/2003, Nru 2344/2003 u Nru 1810/2004 — Nota addizzjonali 7 għall-Kapitolu 2 tan-Nomenklatura Magħquda — Deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tad-WTO — Effetti legali”

1. *Ftehim internazzjonali — Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fid-dawl tal-ftehim tad-WTO — Esklużjoni — Eċċezzjonijiet — Att intiż li jiżgura l-eżekuzzjoni ta' obbligu partikolari assunt fil-kuntest tad-WTO — Riferiment espliċitu għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-imsemmija ftehim (ara l-punt 35)*
2. *Ftehim internazzjonali — Ftehim li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ — Deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tad-WTO li tikkonstata in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli materjali tal-imsemmija ftehim — Impossibbiltà li jiġu invokati l-imsemmijin ftehim jew l-imsemmija deċiżjoni sabiex tiġi kkontestata l-legalità ta' att tal-Unjoni (ara l-punti 36, 37)*
3. *Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda — Nota addizzjonali 7 tal-Kapitolu 2 li tikkonċerna l-intestatura 0210 — Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ jew fis-salmura — Interpretazzjoni tal-imsemmija nota fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tad-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fuq l-interpretazzjoni tal-kelma 'immellaħ' — Kundizzjonijiet (Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1810/2004) (ara l-punti 40-42, 44)*

4. *Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda — Nota addizzjonali 7 tal-Kapitolu 2 li jikkonċerna l-intestatura 0210 — Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ jew fis-salmura — Interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-validità tal-imsemmija nota fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tad-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kumnerċ fuq l-interpretazzjoni tal-kelma 'immellaħ' — Deċiżjoni sussegwenti għad-dikjarazzjonijiet ta' tqegħid f'ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija kkonċernata — Esklużjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1810/2004) (ara l-punt 51 u d-dispożittiv 1)*

5. *Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Laħam u ġewwieni li jittiekel immellaħ — Klassifikazzjoni taħt l-intestatura 0210 tan-Nomenklatura Magħquda — Kundizzjonijiet — Laħam li ġie mmellaħ bil-għan ta' bidla fin-natura tiegħu, irrispettivament mill-kontenut ta' melħ ta' inqas minn 1.2 % — Kundizzjoni mhux prevista mil-leġiżlazzjoni applikabbli — Esklużjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1810/2004) (ara l-punti 54-60)*

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank Haarlem — Interpretazzjoni u validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/94, tad-9 ta' Marzu 1994, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠUL 68, p. 15), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1832/2002, tal-1 ta' Awwissu 2002, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 290, p. 1), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1871/2003, tat-23 ta' Ottubru 2003, li jemenda l-Anness I li jinsab mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 493) u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2344/2003, tat-30 ta' Diċembru 2003, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 15, p. 231) — Biċċiet tat-tiġieġ, iddisussati, iffriżati u mmellħa - Klassifikazzjoni tariffarja.

Dispożittiv

F'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fihom id-dikjarazzjonijiet doganali għat-tqegħid f'ċirkulazzjoni libera ġew magħmula qabel is-27 ta' Settembru 2005, la huwa possibbli li tiġi invokata d-deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), tas-27 ta' Settembru 2005, li tadotta rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO (WT/DS269/AB/R, WT/DS286/AB/R) u żewġ rapporti tal-Grupp Speċjali tad-WTO (WT/DS269/R u WT/DS286/R), kif emendati bir-rapport tal-Korp tal-Appell, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tan-nota addizzjonali 7 tal-Kapitolu 2 tan-Nomenklatura Maqgħuda, stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004, biex jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, u lanqas fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-validità ta' din in-nota addizzjonali.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 —
Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni u EACEA**

(Kawża C-626/10 P)

“Appell — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Artikolu 4(1)(b) u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) — Protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Protezzjoni tal-interessi kummerċjali — Regolament (KE) Nru 58/2003 — Aġenziji eżekuttivi — Kompetenza sabiex jiġu ttrattati t-talbiet li jikkonfermaw it-talbiet għal aċċess għal dokumenti — Prinċipju ta' trasparenza — Kunċett ta'“interest pubbliku superjuri” — Żbalji ta' liġi”

1. *Appell — Aggravji — Neċessità ta' kritika preċiża ta' punt tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(ċ)) (ara l-punt 60)*